MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 73/2007

**Kenneth Dimech (ID-359363-M)**
**Vs**
**Sea Shell Co. Ltd (C-33360)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta` Jannar, 2007, fejn intalab sabiex is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta` Lm501.50c nkluza t-taxxa tal-VAT llum ekwivalenti ghal Euro1,168.18c rapprezentanti bilanc ta` servizzi professjonali ta` accounts u ta` audit rezi lill-istess socjeta` konvenuta sa Jannar 2005.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` ittra ufficcjali datata 27 ta` Ottubru, 2006 (Dok. A) u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 21 ta` Frar, 2007 li permezz taghha kkontestat it-talba attrici billi fl-ewwel lok eccepiet il-preskrizzjoni tat-talba *in toto* jew in

parte a tenur ta` l-artikolu 2149(C) tal-Kodici Civili u fil-meritu li l-ammont ma kienx dovut stante li l-attur ma rrendiex is-servizzi pretizi filwaqt li servizzi ohrajn ma gewx rezi skond is-sengha u l-arti u/jew tempestivament u/jew skond l-istruzzjonijiet u l-htigijiet ta` l-istess socjeta`.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Ikun opportun qabel xejn li l-ewwel trid kunsidrata u trattata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta cioe` dik ta` sentejn kif kontemplata fl-artikolu 2149(C) Kap. 16.

It-talba odjerna qieghdha ssir ghal servizzi profesjonali rezi mill-attur sa Jannar, 2005 u cioe` saz-zmien meta kienet giet terminata r-relazzjoni professjonali bejn il-kontendenti. Jirrizulta li fis-27 ta` Ottubru, 2006, l-attur kien ipprezenta ittra ufficcjali a tenur ta` l-Artikolu 166 A, Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta fejn ressaq din il-pretenzjoni tieghu kontra s-socjeta` konvenuta (Dok. A a fol. 12), li ta l-ahhar kienet irceviet fit-3 ta` Novembru, 2006 (a fol. 13) u difatti kkontestat formalment permezz ta` nota datata 8 ta` Novembru, 2006 (Dok. B a fol. 15). Inoltre jirrizulta wkoll li l-kawza odjerna giet intavolata fil-25 ta` Jannar, 2007. Illi ghalhekk jidher apparenti li l-perjodu preskrittiv ma ghaddhiex peress li kien gie nterrott bl-ittra ufficcjali tas-sena 2006. Il-konvenut pero` jikkontendi li l-perjodu preskrittiv ghandu jigi kkunsidrat li beda ighaddi mid-data ta` l-invoice numru 556 u mhux minn meta kienet giet itterminata r-relazzjoni ta` bejniethom fis-sena 2006 u dana peress illi ghandu jirrizulta mill-istess invoice li din si tratta ta` xoghol ezekwit sa Dicembru, 2004 mnejn jirrizulta li diversi items saru qabel Ottubru, 2004 u cioe` allura aktar minn sentejn mid-data ta` l-ittra ufficcjali.

L-attur jafferma li meta giet terminata r-relazzjoni ta` bejniethom kien ghad hemm pendenti s-somma ta` Lm1,363 mqassma fuq tliet payment requests u in segwitu ta` laqgha li kellu ma` rapprezentant tas-socjeta` konvenuta kien gie pattwit li dan l-ammont jithallas lura fuq medda ta` tliet xhur u cioe` tinqata` invoice kull xahar. It-tliet payment requests kienu jgibu d-dati ta` l-24 ta` Ottubru, 2005 u tnejn 10 ta` Marzu, 2006 (Dok. KD 4, 5, u 6). L-ewwel zewg pagamenti thallsu pero` l-ahhar wahda li ggib in-numru 556 datata 10 ta` Marzu, 2006 baqghet ma thalsitx nonostante li kien ghaddielhom id-dokumenti rikjesti u ghalhekk il-kawza qed issir appuntu fuq din l-invoice. Fit-13 ta` Awissu, 2006 Dok. KD 9 is-socjeta` konvenuta talbet breakdown ta` l-ahhar invoice, liema breakdown fil-fatt intbaghatet fil-21 ta` Awissu, 2006 (Dok. KD 10). Jistqarr ukoll l-istess attur li s-socjeta` konvenuta qatt ma kienet ilmentat mieghu dwar il-kwalita` ta` servizz li kien qed irendilhom. Fil-fatt sakemm dam awditur l-attur, is-socjeta` konvenuta kellha kollox aggornat ma` l-MFSA kif jirrizulta minn Dok. KD 11. Jafferma wkoll li l-partijiet kienu ftiehmu li l-kontijiet tieghu jinhargu b'mod staggered minhabba problemi ta` cash flow li kellha s-socjeta` konvenuta.

Angela Abela is-segretarja ta` l-attur tikkonferma li s-socjeta` konvenuta qatt ma kellha lmenti fuq ix-xoghol ezekwit mill-principal taghha u meta kellmet lil wiehed mir-rapprezentanti fuq il-bilanc dovut, dan kien wegibha li kien ser jibghat il-pagament. Barra minnhekk ghandu jirrizulta wkoll li l-ammont ta` kreditu pretiz mill-attur deher fl-accounts tas-socjeta` konvenuta ghas-sena li ghalqet f'Dicembru, 2004 u prezentati lil MFSA f'nofs is-sena 2005, liema accounts kienu gew iffirmati mid-diretturi ta` l-istess socjeta` konvenuta u dana kif anke konfermat bil-gurament minn Darren Micallef, impjegat iehor ta` l-attur. Dan ix-xhud ikompli jafferma li tali drittijiet u spejjez kienu anke gew diskussi ma` rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta minghajr ma sar ebda kumment avvers meta kienu qed jittrattaw id-dokument ezebit u mmarkat bhala Dok. KD 13. L-audited accounts iffirmati minn rapprezentant tas-socjeta` konvenuta jinsabu ezebiti

bhala Dok. KD 14 u l-entry in kwistjoni tinsab imnizzla fl-istess a fol. 56 tal-process, *dal resto* kif konfermat minn Jane Weber stess bhala rapprezentant tas-socjeta` konvenuta. Tant hu hekk li l-audited accounts fejn hemm imnizzla c-cifra meritu ta` dina l-kawza bhala li ghadha pendenti mhux talli jinsabu ffirmati mid-direttur tas-socjeta` konvenuta izda sahansitra x-xoghol ghal tali audit kien thallas mill-istess socjeta` konvenuta b'riferenza ghall-invoice 1554, fatt li huwa pacifiku bejn il-kontendenti.

Illi oltre ghas-suespost jinghad ukoll li meta xehdet Jane Weber li tiehu hsieb mill-accounts tas-socjeta` konvenuta l-ilment principali taghha fuq il-kont indikat f'invoice 556 kien fis-sens li meta nghataw breakdown ta` l-istess, irrizultaw items li kienu gia` thallsu ghalihom jew li kienu ftiehmu fuq ammont u in segwitu kienu qed jigu mitluba jhallsu ammont akbar. Illi in vista tal-premess ghalhekk ma jidhirx illi wiehed jista` certament iressaq l-argument tal-preskrizzjoni.

Illi fuq il-meritu wiehed ghandu jevalwa jekk hux tassew li l-attur kien inkluda fl-invoice 556, xoghol li kien gia` thallas ghalih ossia xoghol li kien qed jitlob hlas ghalih aktar minn dak originarjament miftiehem. Il-breakdown tal-kont in kwistjoni jinsab indikat kollu f'fol 28 tal-process.

Dwar item 1 ix-xhud Weber tallega li gia` kienu hallsu ghalih tramite invoice 1301 ezebit u mmarkat Dok. JW 1. Mad-daqqa t'ghajn jidher li s-socjeta` konvenuta hija gustifikata dwar dan l-ilment taghha.

Ghar-rigward it-tieni item fl-invoice 556 dwar l-impjieg prospettat ta` Belgjan, is-socjeta` konvenuta tikkontendi biss li qatt ma kellhom l-intenzjoni li jimpjegaw Belgjan ghalkemm kienu ghamlu ndagini fuq impjieg prospettiv ta` Olandiz. Illi ghalhekk jidher li tali lment ma hux daqstant gustifikat.

Dwar l-item konness ma` l-VAT, is-socjeta` konvenuta tallega li kienu gia` hallsu lill-attur diversi drabi ghal servizzi minnu rezi fuq il-VAT ghas-sena 2004. Jigi osservat pero` li mid-dokumentazzjoni ezebita ma jidhirx li

hemm duplicita f'din it-talba u kwindi ghalhekk l-ilment ma jirrizultax gustifikat.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fl-ewwel lok jichad l-eccezzjoni ta` preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta, bl-ispejjez ta` l-istess a karigu ta` l-istess socjeta` u fit-tieni lok jilqa` in parte l-eccezzjoni fil-meritu sollevata mill-istess socjeta` konvenuta fis-sens li jigi dikjarat li l-attur kien gia` thallas in parte fir-rigward ta` l-ammont minnu mitlub f'din il-kawza u ghalhekk qed jillikwida l-ammont realment dovut lill-attur fis-somma ta` Euro 1,028.42c, kwindi jiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija debitrici ta` l-attur fl-ammont hekk likwidat u konsegwentement jikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas l-attur l-ammont hekk likwidat fis-somma ta` Euro1,028.42c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez relattivi ghad-decizjoni fuq il-meritu ghandhom jinqasmu kwantu ghal parti wahda minn tmienja ghall-attur u r-rimanenti seba` partijiet minn tmienja ghas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------